# LIS-SALIB

(*Ave, Crux, spes unica*)

Kull meta, mnikket, lejk inħares b'qima,
Jew, nieḍem, nibki ta' frugħiti l-ħtija,
Tilqagħna dejjem biex insib tbissima :
Mill-fomm ta' dak li fuqek miet għalija.

Tfakkarni nieħu m'n għandu dit-tagħlima :
Sabar, is-sewwa, ma' kullħadd mogħdrija.
Qalbi tfarraġli x'ħin natik tislima;
Twennisni b'dellek fit-treqât uegħrija...

Inissilli qawwa w tama, f'dinja mqallba...
Kull jum filgħodu x'ħin ukoll filgħaxija,
Inroddok b'qima qabel nibda t-talba.

Wara li f'mewti tkun ukoll int sabri,
Jinxef il-ward ta' dawk... li jaħsbu fija
Xbiha biss tiegħek tibqa żżejjin qabri !

Mario Agius

Villa Lia